# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Għoxrin (20) ta’ Ottubru 2022**

**Rikors Numru 819/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**J&J Fruit & Vegetables Limited**

**Vs**

**Giuseppe Napolitano (detentur tal-Identita Taljana AZ1383162) eżerċjenti l-kummerċ bl-isem ta’ Storie & Sapori**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta’ Settembru 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tal-intimat Giuseppe Napolitano eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Storie & Sapori fis-somma ta' Tnejn u Tmenin Elf, Sitt Mija u Ħamsa u Tletin Ewro u Tmienja u Erbgħin Ċenteżmu (€82.635.48) rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut mill-intimat għal-frott u ħaxix illi ġie mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjeta' rikorrenti lil-intimat u dan fuq struzzjonijiet tal-istess intimat;*

    2. *Illi minkejja interpellat iħallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti;*

    3. *Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi x'jissolleva f’din il-kawża;*

4. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;*

5. *Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' Tnejn u Tmenin Elf, Sitt Mija u Ħamsa u Tletin Ewro u Tmienja u Erbgħin Ċenteżmu (€82.635.48) u għaldaqstant tikkundanna lili-istess intimat iħallas dan l-ammont lis- soċjeta' rikorrenti;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq premessi:*

*1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' bid-dispensa tas-smigħ;*

*2. Tiddikjara lill-intimat bħala debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' Tnejn u Tmenin Elf, Sitt Mija u Ħamsa u Tletin Ewro u Tmienja u Erbgħin Ċenteżmu (€82.635.48) liema ammont hu dovut in rappreżentanza ta' provvista u konsenja ta' frott u ħaxix illi ġie mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat u dan fuq struzzjonijiet tal-istess intimat;*

*3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' Tnejn u Tmenin Elf, Sitt Mija u Ħamsa u Tletin Ewro u Tmienja u Erbgħin Ċenteżmu (€82.635.48) dovuta kif ingħad;*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-ingħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa nġunt għas-subizzjoni*

2. Rat illi fl-4 ta’ Ottubru 2022, l-intimat ġie debitament notifikat bl-atti tal-kawża.

3. Rat illi fit-18 ta’ Ottubru 2022, meta ssejħet il-kawża, l-intimat u/jew konsulent legali tiegħu, ma dehrux, u għalhekk l-intimat tqis illi huwa kontumaċi.

4. Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2022, Joseph Xuereb, rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti, għarraf illi, fil-mori tal-kawża, l-intimat kien ħallas ammont, u għalhekk issa il-bilanċ dovut kellu jkun ridott għal erbgħa u sebgħin elf, mitejn u ħamsa u tletin euro (€74,235).

5. Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2022, il-konsulent legali tas-soċjeta’ rikorrenti talab illi dina l-Qorti tgħaddi għal decizjoni finali fuq is-somma kif ridotta, ossija ta’ erbgħa u sebgħin elf, mitejn u ħamsa u tletin euro (€74,235).

6. Rat illi l-Qorti laqgħet it-talba u differiet il-kawza għal-lum ghas-sentenza finali.

7. Rat illi, in vista tal-kontimaċja ta’ l-intimat kif ukoll tad-dikjarazzjoni ta’ Joseph Xuereb, rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti, ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għħandhiex tilqa’ t-talba, kif ridotta, tas-soċjeta’ rikorrenti.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** lill-intimat bħala debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, mitejn u ħamsa u tletin euro (€74,235) liema ammont hu dovut in rappreżentanza ta' provvista u konsenja ta' frott u ħaxix illi ġie mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat u dan fuq struzzjonijiet tal-istess intimat;

**Tikkundanna** lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, mitejn u ħamsa u tletin euro (€74,235) dovuta kif ingħad;

**Bl-ispejjeż**, inkluż tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u

**Bl-imgħax legali** mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**